Nru./No. 21,089
Prezz/Price
€8.82

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

Il-Ġimgħa, 21 ta' Lulju, 2023
Friday, 21st July, 2023

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern ..... 8009 - 8039
Government Notices ..... *8009 - 8039*

Avviżi tal-Pulizija ..... 8039 - 8048
Police Notices ..... *8039 - 8048*

Avviżi lill-Baħħara ..... 8048 - 8054
Notices to Mariners ..... *8048 - 8054*

Opportunitajiet ta' Impjieg ..... 8054 - 8178
Employment Opportunities ..... *8054 - 8178*

Avviżi tal-Gvern ..... 8178 - 8188
Notices ..... *8178 - 8188*

Offerti ..... 8189 - 8193
Tenders ..... *8189 - 8193*

Deputazzjoni Legati taż-Żwieġ ..... 8194 - 8197
Marriage Legacies Commission ..... *8194 - 8197*

Avviżi tal-Qorti ..... 8198 - 8200
Court Notices ..... *8198 - 8200*

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 1005

IL-PRIM MINISTRU JERĠA' LURA FUQ DMIRIJIETU

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Onor. Robert Abela, KUOM, BA, LLD, Adv. Trib. Melit., MP, reġa' daħal għal dmirijietu ta' Prim Ministru nhar it-Tlieta, 18 ta' Lulju, 2023, u l-arranġamenti magħmulin bin-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 987 tal-14 ta' Lulju, 2023, ma baqgħux iseħħu f'dan is-sens.

Id-19 ta' Lulju, 2023
(OPM/19/2022)

Nru. 1006

PUBBLIKAZZJONI TA' ATTI FIS-SUPPLIMENT

HUWA avżat għall-informazzjoni ġenerali li l-Atti li ġejjin huma ppubblikati fis-Suppliment li jinsab ma' din il-Gazzetta:

Att Nru XXIX tal-2023 imsejjaħ l-Att tal-2023 biex ikompli jsaħħaħ il-Libertà tal-Espressjoni Artistika;

Att Nru XXX tal-2023 imsejjaħ l-Att tal-2023 li jemenda l-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent;

Att Nru XXXI tal-2023 imsejjaħ l-Att tal-2023 li jemenda l-Att dwar il-Professjoni tax-Xogħol maż-Żgħażagħ; u

Att Nru XXXII tal-2023 imsejjaħ l-Att tal-2023 dwar il-Kulleġġ Malti tal-Arti, Xjenza u Teknoloġija.

Il-21 ta' Lulju, 2023

Nru. 1007

ATT KONTRA MONEY LAUNDERING (KAP. 373)

Bord tal-Gvernaturi

NGĦARRFU b'din illi, skont l-artikolu 19 tal-Att kontra Money Laundering (Kap. 373), il-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol ħatar il-persuni li ġejjin biex iservu bħala membri fuq il-Bord tal-Gvernaturi tat-Taqsima tal-Financial Intelligence Analysis:

Is-Sur Kenneth Farrugia
Is-Sur Joseph Caruana

GOVERNMENT NOTICES

No. 1005

RESUMPTION OF DUTIES BY THE PRIME MINISTER

IT is notified for general information that the Hon. Robert Abela, KUOM, BA, LLD, Adv. Trib. Melit., MP, resumed duties as Prime Minister on Tuesday, 18th July, 2023, and that the arrangements made by Government Notice No. 987 of the 14th July, 2023, ceased to have effect accordingly.

19th July, 2023

No. 1006

PUBLICATION OF ACTS IN SUPPLEMENT

IT is notified for general information that the following Acts are published in the Supplement to this Gazette:

Act No. XXIX of 2023 entitled the Artistic Expression (Enhancement) Act, 2023;

Act No. XXX of 2023 entitled the Environment Protection (Amendment) Act, 2023;

Act No. XXXI of 2023 entitled the Youth Work Profession (Amendment) Act, 2023; and

Act No. XXXII of 2023 entitled the Malta College of Arts, Science and Technology Act, 2023.

21st July, 2023

No. 1007

PREVENTION OF MONEY LAUNDERING ACT (CAP. 373)

Board of Governors

IT is hereby notified that, in terms of article 19 of the Prevention of Money Laundering Act (Cap. 373), the Minister for Finance and Employment has appointed the following persons to serve as members on the Board of Governors of the Financial Intelligence Analysis Unit:

Mr Kenneth Farrugia
Mr Joseph Caruana

Is-Sur Angelo Gafà
Dott. Carl Brincat
Is-Sur Claudio Ghirlando
Dott. James Baldacchino
Is-Sur Paul Caruana

Barra minn hekk, skont l-artikolu 20 tal-istess Att, il-Prim Ministru, wara konsultazzjoni mal-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol, ħatar minn fost il-membri tal-Bord tal-Gvernaturi msemmija hawn fuq, lis-Sur Kenneth Farrugia bħala Chairperson u lis-Sur Joseph Caruana bħala Viċi Chairperson.

Dawn il-karigi huma validi għal perjodu ta' ħames snin sal-24 ta' April, 2028.

It-18 ta' Lulju, 2023

Nru. 1008

MINISTERU GĦALL-POLITIKA SOĊJALI U D-DRITTIJIET TAT-TFAL

Ħatra tal-Kumitat għal Welfare

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artiklu 130 tal-Att dwar is-Sigurtà Soċjali (Kap. 318), u għall-finijiet ta' dak l-Att, il-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal għoġbu jaħtar il-Kumitat għal Welfare, imwaqqaf taħt u skont l-Att hawn fuq imsemmi, kif ġej:

Chairperson
Is-Sur Anthony Scicluna

Membri
Is-Sa Panmela Azzopardi
L-Onor. Ivan Bartolo, MP
Is-Sur Mario Caruana
Is-Sur Manuel Cuschieri
Dott. Renzo Degabriele
L-Onor. Katya De Giovanni, MP
Dott. Anthony Gatt
Is-Sur Leonard Manicaro
Is-Sur Martin Sultana
Dott. Zaid Teebi

Segretarja
Is-Sa Silvana Mifsud

Dawn il-ħatriet huma għal perjodu ta' sena, b'seħħ mit-18 ta' Lulju, 2023.

Il-21 ta' Lulju, 2023

Mr Angelo Gafà
Dr Carl Brincat
Mr Claudio Ghirlando
Dr James Baldacchino
Mr Paul Caruana

Furthermore, in terms of article 20 of the same Act, the Prime Minister, in consultation with the Minister for Finance and Employment, has appointed from among the abovementioned members of the Board of Governors, Mr Kenneth Farrugia as Chairperson and Mr Joseph Caruana as Deputy Chairperson.

These appointments are valid for a period of five years up to 24th April, 2028.

18th July, 2023

No. 1008

MINISTRY FOR SOCIAL POLICY AND CHILDREN'S RIGHTS

Appointment of the Welfare Committee

IN exercise of the powers conferred by Section 130 of the Social Security Act (Cap. 318) and for the purpose of that Act, the Minister for Social Policy and Children's Rights has appointed the Welfare Committee, established by and under the aforesaid Act as follows:

Chairperson
Mr Anthony Scicluna

Members
Ms Pamela Azzopardi
The Hon. Ivan Bartolo, MP
Mr Mario Caruana
Mr Manuel Cuschieri
Dr Renzo Degabriele
The Hon. Katya De Giovanni, MP
Dr Anthony Gatt
Mr Leonard Manicaro
Mr Martin Sultana
Dr Zaid Teebi

Secretary
Ms Silvana Mifsud

These appointments are valid for one year, with effect from 18th July, 2023.

21st July, 2023

Nru. 1009

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

ITS New Campus

SKONT l-Avviż Legali 131 tal-2012 tal-Att dwar l-Edukazzjoni, il-Ministru għat-Turiżmu ħatar lill-Membri tal-Bord tal-ITS New Campus. Dawn il-ħatriet jibqgħu fis-seħħ sal-14 ta' Ġunju, 2024.

Chairman
Dott. Charles Mangion

Membri
Is-Sur Joseph Vella
Is-Sur Joe Borg
Is-Sa Graziella Fava Azzopardi
Is-Sur Joseph Saviour Azzopardi
Is-Sur Charles Pullicino
Is-Sa Jeanelle Sciberras

Segretarju
Dott. John Bonello

Il-21 ta' Lulju, 2023

No. 1009

EDUCATION ACT
(CAP. 327)

ITS New Campus

IN terms of Legal Notice 131 of 2012 of the Education Act, the Minister for Tourism has appointed the following as Members of the Board of the ITS New Campus. These appointments remain valid up to the 14th June, 2024.

Chairperson
Dr Charles Mangion

Members
Mr Joseph Vella
Mr Joe Borg
Ms Graziella Fava Azzopardi
Mr Joseph Saviour Azzopardi
Mr Charles Pullicino
Ms Jeanelle Sciberras

Secretary
Dr John Bonello

21st July, 2023

Nru. 1010

DAR IL-MEDITERRAN GĦALL-KONFERENZI

NGĦARRFU b'din għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Ministru għat-Turiżmu għoġbu japprova l-ħatra tal-Bord tad-Diretturi ta' Dar il-Mediterran għall-Konferenzi (MCC). Dawn il-ħatriet jibqgħu fis-seħħ sal-14 ta' Ġunju, 2026.

Chairperson
Dott. Kenneth Spiteri

Deputat Chairperson
Is-Sur Chris Grima

Membri
Is-Sur Felix Galea Busuttil
Dott. Joseph Chetcuti
Is-Sa Davinia Laferla Turner
Is-Sa Lara Azzopardi
Is-Sa Joanne Xuereb
Is-Sur Joe Julian Farrugia
Is-Sa Nadia Portelli
Is-Sur Norman Grech
Is-Sa Anna Maria Vella

Segretarju
Is-Sur Kenneth Busuttil

Il-21 ta' Lulju, 2023

No. 1010

MEDITERRANEAN CONFERENCE CENTRE

IT is hereby notified for general information that the Minister for Tourism has approved the appointment of the Board of Directors of the Mediterranean Conference Centre. These appointments remain valid up to the 14th June, 2026.

Chairperson
Dr Kenneth Spiteri

Deputy Chairperson
Mr Chris Grima

Members
Mr Felix Galea Busuttil
Dr Joseph Chetcuti
Ms Davinia Laferla Turner
Ms Lara Azzopardi
Ms Joanne Xuereb
Mr Joe Julian Farrugia
Ms Nadia Portelli
Mr Norman Grech
Ms Anna Maria Vella

Secretary
Mr Kenneth Busuttil

21st July, 2023

Nru. 1011

ĦATRA TA' AĠENT UFFIĊJAL MEDIKU EWLIENI

IS-SEGRETARJU Permanenti fil-Ministeru għas-Saħħa approva l-ħatra temporanja li ġejja:

ISEM *NAME*	POST *POST*	DIVIŻJONI *DIVISION*	DATA *DATE*
Prof. Charmaine Gauci	Aġent Uffiċjal Mediku Ewlieni *Acting Chief Medical Officer*	Saħħa *Health*	26.7.2023 - 28.7.2023

Il-21 ta' Lulju, 2023

No. 1011

APPOINTMENT OF ACTING CHIEF MEDICAL OFFICER

THE Permanent Secretary in the Ministry for Health has approved the following acting appointment:

21st July, 2023

Nru. 1012

ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR ĠENERALI GĦAS-SERVIZZI TAS-SAĦĦA

IS-SEGRETARJU Permanenti fil-Ministeru għas-Saħħa approva l-ħatra temporanja li ġejja:

ISEM *NAME*	POST *POST*	DIVIŻJONI *DIVISION*	DATA *DATE*
Prof. Charmaine Gauci	Aġent Direttur Ġenerali għas-Servizzi tas-Saħħa *Acting Director General Healthcare Services*	Saħħa *Health*	27.7.2023 - 28.7.2023

In-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 974 ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tal-14 ta' Lulju, 2023 hija b'din mħassra.

Il-21 ta' Lulju, 2023

No. 1012

APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR GENERAL HEALTHCARE SERVICES

THE Permanent Secretary in the Ministry for Health has approved the following acting appointment:

Government Notice No. 974 published in the Government Gazette of the 14th July, 2023 is hereby being superseded.

21st July, 2023

Nru. 1013

WARRANT MILL-MINISTRU GĦALL-ĠUSTIZZJA

NGĦARRFU illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-Artikolu (3) tal-Ordinanza dwar il-Kummissjunajri b'Setgħa li Jagħtu Ġurament (Kap. 79), il-Ministru għall-Ġustizzja ħatar bħala Kummissjunarji b'Setgħa li Jagħtu Ġurament, fil-qadi tad-doveri tagħhom u sakemm jibqgħu fil-kariga, lill-imsemmija hawn taħt:

Uffiċjali/Impjegati Pubbliċi

Abela, Dott. Nicole, Legal Adviser – L-Awtorita` ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni

Bezzina, is-Sa Stephanie, Assistant Manager – Reġistru Pubbliku

No. 1013

WARRANT BY THE MINISTER FOR JUSTICE

IT is notified that in exercise of such powers as provided by Article (3) of the Commissioners for Oaths Ordinance (Cap. 79) the Minister for Justice appointed as Commissioners for Oaths, in the performance of their duties and for as long as they remain in such office, the undermentioned:

Public Officers/Employees

Abela, Dr Nicole, Legal Adviser – Malta Communications Authority

Bezzina, Ms Stephanie, Assistant Manager – Public Registry

Cachia, is-Sa Eloise, Senior Administrative Officer – Reġistru Pubbliku

Grixti, is-Sa Josephine, Senior Administrative Officer – Reġistru Pubbliku

Avukati
Cachia, Dott. Daniel
Camilleri, Dott. Rebecca

B'Awtorità
Jonathan Attard
Ministru għall-Ġustizzja

Il-21 ta' Lulju, 2023
MJEG 21/2020/III

Nru. 1014

ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U L-ARKIVJI NUTARILI (KAP. 55)

Nomina ta' Nutar Delegat/Konservatur

NGĦARRFU b'dan illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtijin bl-artikolu 20 tal-Att dwar il-Professjoni u Arkivji Nutarili, il-Qorti ta' Reviżjoni Nutarili nnominat lin-Nutar Dott. Joseph Abela bħala nutar delegat u konservatur tal-atti tan-Nutar Dott. Francesca Mifsud u dan għall-perjodu bejn l-14 ta' Lulju, 2023 u t-18 ta' Lulju, 2023.

Illum 17 ta' Lulju, 2023

ADRIAN MICALLEF
Deputat Reġistratur, Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili

Nru. 1015

MINISTRU GĦALL-EKONOMIJA, IL-FONDI EWROPEJ U L-ARTIJIET

Ordni għal Eżenzjoni mill-Applikazzjoni tal-Proviso tal-Artikolu 3(2)(b) tal-Att dwar l-Intrapriżi ż-Żgħar

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija permezz tal-artikolu 18(1) tal-Att dwar l-Intrapriżi ż-Żgħar (Kap. 512), il-Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet għamel dan l-ordni li ġej:

Ir-Regolamenti tal-2023 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Servizzi ta' Ġarr ta' Passiġġieri b'Vetturi Żgħar u Servizzi ta' Kiri ta' Vetturi (Emenda Nru. 2) huma b'dan eżenti mill-applikazzjoni tal-artikolu 3(2)(b) tal-Att dwar l-Intrapriżi ż-Żgħar peress li l-miżuri previsti fil-leġislazzjoni msemmija huma meħtieġa b'mod urġenti sabiex tkun żgurata s-sikurezza tal-passiġġieri ta' vetturi żgħar għall-ġarr ta' passiġġieri.

Il-21 ta' Lulju, 2023

Cachia, Ms Eloise, Senior Administrative Officer – Public Registry

Grixti, Ms Josephine, Senior Administrative Officer – Public Registry

Advocates
Cachia, Dr Daniel
Camilleri, Dr Rebecca

By Authority
Jonathan Attard
Minister for Justice

21st July, 2023

No. 1014

NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT (CAP. 55)

Appointment of Notary Delegate/Keeper

IT is hereby notified that in exercise of the powers conferred by Section 20 of the Notarial Profession and Notarial Archives Act, the Court of Revision of Notarial Acts has appointed Notary Dr Joseph Abela to be notary delegate and keeper of the Acts for Notary Dr Francesca Mifsud for the period between the 14th July, 2023 till the 18th July, 2023.

Today the 17th July, 2023

ADRIAN MICALLEF
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

No. 1015

MINISTER FOR THE ECONOMY, EUROPEAN FUNDS AND LANDS

Application of the Proviso to Article 3(2)(b) of the Small Business Act (Exemption) Order

IN exercise of the powers conferred by article 18(1) of the Small Business Act (Cap. 512), the Minister for the Economy, European Funds and Lands has made the following order:

The Light Passenger Transport Services and Vehicle Hire Services (Amendment No. 2) Regulations, 2023 are hereby exempt from the application of article 3(2)(b) of the Small Business Act for the reason that the measures established in the mentioned legislation are urgently required to ensure the safety of passengers of light passenger transport vehicles.

21st July, 2023

No. 1016

MINISTERU GĦAT-TRASPORT, L-INFRASTRUTTURA U L-PROĠETTI KAPITALI

Noti ta' Spjegazzjoni[1]

Regolamenti tal-2023 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Servizzi ta' Ġarr ta' Pasiġġieri b'Vetturi Żgħar u Servizzi ta' Kiri ta' Vetturi (Emenda Nru. 2

1. Introduzzjoni

Permezz tar-Regolamenti tal-2023 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Servizzi ta' Ġarr ta' Pasiġġieri b'Vetturi Żgħar u Servizzi ta' Kiri ta' Vetturi (Emenda Nru. 2) (hawn aktar 'il quddiem imsejħa r-"regolamenti emendatorji"), l-Awtorità għat-Trasport f'Malta (hawn aktar 'il quddiem imsejħa "Transport Malta") qiegħda temenda r-Regolamenti dwar Servizzi ta' Ġarr ta' Passiġġieri b'Vetturi Żgħar u Servizzi ta' Kiri ta' Vetturi (L.S. 65.33 u L.S. 499.68) (hawn aktar 'il quddiem imsejħa r-"regolamenti prinċipali").

2. Sommarju u sfond

Wieħed mir-rekwiżiti attwali biex applikant jikseb permess ta' xufier skont ir-regolamenti prinċipali huwa li dak l-applikant ikun liċenzjat kif imiss skont ir-Regolamenti dwar Liċenzi għas-Sewqan ta' Vetturi bil-Mutur.

Ir-Regolamenti dwar Liċenzi għas-Sewqan ta' Vetturi bil-Mutur jippermettu lil kull detentur ta' liċenzja tas-sewqan maħruġa minn awtorità kompetenti f'pajjiż terz li jsuq f'Malta għal perjodu li ma jaqbiżx tnax-il (12) xahar mid-data minn meta huwa jkun daħal l-aħħar f'Malta.

Dan inevitabbilment ippermetta liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jiksbu minnufih permess ta' xufier biex iġorru passiġġieri b'kiri jew b'kumpens f'Malta abbażi ta' liċenzja tas-sewqan li mhix neċessarjament ekwivalenti għan-normi u l-istandards Ewropej li huma meħtieġa għall-ġarr tal-passiġġieri, u li għalhekk jistgħu joħolqu riskju għas-sikurezza tal-passiġġieri tagħhom.

F'dan ir-rigward, u biex ikompli jgħola l-livell tax-xufiera ta' vetturi żgħar għall-ġarr ta' passiġġieri, ir-regolamenti prinċipali qed jiġu emendati biex jipprovdu li kull applikant għal

permess ta' xufier għandu, qabel ma jingħata l-awtorizzazzjoni, jissodisfa lill-Awtorità li għandu liċenzja tas-sewqan valida maħruġa minn Transport Malta jew mill-awtorità kompetenti ta' kwalunkwe Stat Membru ieħor tal-UE[2].

Dan ir-rekwiżit għandu jkun flimkien mar-rekwiżiti ta' eliġibbiltà l-oħra li huma diġà stabbiliti fir-regolamenti prinċipali, jiġifieri, li l-applikant għandu:

jkun ta' reputazzjoni u kondotta tajba,

[1]Dawn in-Noti ta' Spjegazzjoni huma skont u għall-fini tal-artikolu 3(2)(ċ) tal-Kapitolu 512 tal-Liġijiet ta' Malta.

[2]It-tifsira ta' Stat Membru tal-UE f' dawn ir-regolamenti emendatorji tinkludi Norveġja, l-Iżlanda u l-Liechtenstein.

jkun iċċertifikat li jinsab fi stat tajjeb ta' saħħa biex isuq, u

jkollu l-ħiliet meħtieġa biex jaġixxi bħala xufier wara li jattendi kors ta' taħriġ speċifiku għas-settur u jgħaddi minn eżami bil-miktub.

3. Ħarsa ġenerali lejn l-istruttura tal-istrument

Ir-regolamenti li jemendaw huma magħmula minn erba' (4) regolamenti u jikkonsistu f'dawn li ġejjin:

Regolament 1 – Titolu u għan.

Regolament 2 – Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

Regolament 3 – Jemenda r-regolament 39 tar-regolamenti prinċipali.

Regolament 4 - Jemenda r-regolament 44 tar-regolamenti prinċipali.

4. Kummentarju fuq partijiet u artikoli

Regolament 1: Jintroduċi t-titolu tar-regolamenti. Dan ir-regolament ikompli jispjega l-għan tar-regolamenti, li huwa li jipprovdi li kull persuna li tapplika għal permess ġdid ta' xufier, jew għat-tiġdid ta' permess ta' xufier, għandu jkollha fil-pussess tagħha liċenzja tas-sewqan valida maħruġa minn Transport Malta jew mill-awtorità kompetenti ta' kwalunkwe Stat Membru ieħor tal-UE.

Regolament 2: iżid it-tifsira ġdida "Unjoni Ewropea" li tissemma fir-regolamenti emendatorji.

Regolament 3: Jintroduċi r-rekwiżit li kull persuna li tapplika għal permess ġdid ta' xufier għandha, minbarra r-rekwiżiti l-oħra li huma diġà stabbiliti fir-regolamenti prinċipali, jkollha liċenzja tas-sewqan valida maħruġa minn Transport Malta jew mill-awtorità kompetenti ta' kwalunkwe Stat Membru ieħor tal-UE.

Regolament 4: Jintroduċi r-rekwiżit li kull persuna li tapplika għat-tiġdid ta' permess ta' xufier għandha, minbarra r-rekwiżiti l-oħra li huma diġà stabbiliti fir-regolamenti prinċipali, jkollha liċenzja tas-sewqan valida maħruġa minn Transport Malta jew mill-awtorità kompetenti ta' kwalunkwe Stat Membru ieħor tal-UE.

5. Konklużjoni

Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ mal-pubblikazzjoni tagħhom.

Għal aktar informazzjoni jew kjarifiki fuq l-implimentazzjoni ta' dawn ir-regolamenti, jekk jogħġbok irreferi l-mistoqsijiet lil Transport Malta permezz ta' imejl fuq l-indirizz elettroniku (info.tm@transport.gov.mt).

N.B. Dawn in-Noti ta' Spjegazzjoni mhumiex maħsuba biex ikunu deskrizzjoni eżawrjenti tal-istrument legali u lanqas sostitut tiegħu jew suppliment leġiżlattiv għall-istess. Dawn in-Noti ta' Spjegazzjoni mhumiex intiżi bħala deċiżjoni awtorevoli fuq l-interpretazzjoni tal-leġiżlazzjoni.

Il-21 ta' Lulju, 2023

No. 1016

MINISTRY FOR TRANSPORT, INFRASTRUCTURE AND CAPITAL PROJECTS

Explanatory Notes[1]

Light Passenger Transport Services and Vehicle Hire Services (Amendment No. 2) Regulations, 2023

1. Introduction

By means of the Light Passenger Transport Services and Vehicle Hire Services (Amendment No. 2) Regulations, 2023 (hereinafter referred to as "the amending regulations"), the Authority for Transport in Malta (hereinafter referred to as "Transport Malta") is amending the Light Passenger Transport Services and Vehicle Hire Services Regulations (S.L. 65.33. and S.L. 499.68) (hereinafter referred to as "the principal regulations").

2. Summary and background

One of the current requirements for an applicant to obtain a driver's permit in terms of the principal regulations is for that applicant to be duly licensed in accordance with the Motor Vehicles (Driving Licences) Regulations.

Relatedly the Motor Vehicles (Driving Licences) Regulations (S.L. 65.18.) allow any holder of a driving licence issued by the competent authority in a third country to drive in Malta for a period not exceeding twelve (12) months from the date of his last entry into Malta.

This has inevitably allowed third country nationals to immediately obtain a driver's permit to carry passengers for hire or reward in Malta on the basis of a driving licence that is not necessarily equivalent to the European norms and standards that are required for the carriage of passengers, and which may therefore pose a risk to the safety of their passengers.

In this respect, and to further raise the standard of drivers of light passenger transport vehicles, the principal regulations are being amended to provide that any applicant for a driver's permit shall, before being granted the authorisation, satisfy the Authority that he holds a valid driving licence issued by Transport Malta or by the competent authority of any other EU Member State[2].

This requirement shall be in addition to the other eligibility requirements that are already established in the principal regulations, namely, that the applicant shall:

be of good repute and conduct,

be certified as medically fit to drive, and

have the requisite skills to act as a driver after attending a sector-specific training course and pass a written examination.

[1]These Explanatory Notes are in accordance with and for the purpose of article 3(2)(c) of Chapter 512 of the Laws of Malta.

[2]The definition of an EU Member State in these amending regulations includes Norway, Iceland and Liechtenstein.

3. Overview of the structure of the instrument

The amending regulations are made up of four (4) regulations and consist of the following:

Regulation 1 – Citation and scope.

Regulation 2 – Amends regulation 2 of the principal regulations.

Regulation 3 – Amends regulation 39 of the principal regulations.

Regulation 4 - Amends regulation 44 of the principal regulations.

4. Commentary on parts and articles

Regulation 1: Introduces the title of the regulations. This regulation further explains the scope of the regulations, which is to provide that any person who applies for a new driver's permit, or for the renewal of a driver's permit, shall be in possession of a valid driving licence issued by Transport Malta or by the competent authority of any other EU Member State.

Regulation 2: adds the new definition "European Union", which is referred to in the amending regulations.

Regulation 3: Introduces the requirement that any person who applies for a new driver's permit shall, in addition to the other requirements that are already established in the principal regulations, be in possession of a valid driving licence issued by Transport Malta or by the competent authority of any other EU Member State.

Regulation 4: Introduces the requirement that any person who applies for the renewal of a driver's permit shall, in addition to the other requirements that are already established in the

principal regulations, be in possession of a valid driving licence issued by Transport Malta or by the competent authority of any other EU Member State.

5. Concluding section

These regulations shall come into force on publication.

For more information or clarification on the implementation of these regulations, kindly refer your queries to Transport Malta via email on info.tm@transport.gov.mt.

N.B. These Explanatory Notes are not intended to be an exhaustive description of the instrument nor a substitute thereof or a legislative supplement to it. These Explanatory Notes do not purport to be an authoritative ruling on the interpretation of the legislation.

21st July, 2023

No. 1017

MINISTERU GĦAT-TRASPORT, L-INFRASTRUTTURA U L-PROĠETTI KAPITALI

Noti ta' Spjegazzjoni[1]

Regolamenti tal-2023 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Ġarr Stradali ta' Merkanzija b'Vetturi bil-Mutur

1. Introduzzjoni

Permezz tar-Regolamenti tal-2023 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Ġarr Stradali ta' Merkanzija b'Vetturi bil-Mutur (hawn aktar 'il quddiem imsejħa "r-regolamenti" jew ir-"regolamenti prinċipali"), l-Awtorità għat-Trasport f'Malta (hawn aktar 'il quddiem imsejħa "Transport Malta") trasponiet parzjalment id-Direttiva (UE) 2020/1057 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2020 li tistabbilixxi regoli speċifiċi rigward id-Direttiva 96/71/KE u d-Direttiva 2014/67/UE għall-istazzjonar tax-xufiera fis-settur tat-trasport bit-triq u li temenda d-Direttiva 2006/22/KE fir-rigward ta' rekwiżiti tal-infurzar u r-Regolament (UE) Nru 1024/2012 (hawn aktar 'il quddiem imsejħa "d-Direttiva emendatorja", fil-leġiżlazzjoni nazzjonali. Dawn ir-regolamenti jittrasponu l-Artikolu 6 tad-Direttiva emendatorja, minħabba li d-Direttiva 2006/22/KE ġiet emendata u għalhekk dan kellu jiġi rifless fil-leġiżlazzjoni nazzjonali.

2. Sommarju u sfond

Ir-regolamenti jintoduċu emendi għat-Taqsima IX – "Spezzjonijiet" tar-Regolamenti dwar il-Ġarr Stradali ta' Merkanzija b'Vetturi bil-Mutur (L.S. 65.19). L-emendi ewlenin għal dawn ir-regolamenti jikkonċernaw spezzjonijiet li jsiru mal-ġenb tat-triq u mal-ġenb tal-moll jew fil-bini tal-impriża relevanti, dwar il-konformità tat-trasportatur li jwettaq servizzi ta' ġarr stradali ta' merkanzija internazzjonali, partikolarment għall-finijiet ta' u skont id-Direttiva 2006/22/KE u l-emendi sussegwenti tagħha, inklużi dawk implimentati bid-Direttiva emendatorja.

Dawn ir-regolamenti partikolarment jimponu obbligu amministrattiv fuq Malta, bl-assistenza ta' Transport Malta, sabiex tinforza strateġija ta' infurzar nazzjonali koerenti li hija applikabbli fit-territorju ta' Malta, li tiffoka fuq impriżi bi grad ta' riskju għoli taħt is-sistema ta' klassifika tar-riskji.

3. Ħarsa ġenerali lejn l-istruttura tal-istrument

Ir-Regolamenti tal-2023 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Ġarr Stradali ta' Merkanzija b'Vetturi bil-Mutur huma magħmula minn żewġ (2) regolamenti u jikkonsistu f'dawn li ġejjin:

Regolament 1 –Titolu u għan.

Regolament 2 – Jemenda r-regolament 84 tar-regolamenti prinċipali.

4. Kummentarju

Ir-regolament 1: Jintroduċi t-titolu tar-regolamenti bħala r-Regolamenti tal-2023 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Ġarr Stradali ta' Merkanzija b'Vetturi bil-Mutur. Dan ir-regolament ikompli jispjega l-għan tar-regolamenti, li huwa t-traspożizzjoni tal-Artikolu 6 tad-Direttiva emendatorja.

[1]Dawn in-Noti ta' Spjegazzjoni saru bl-għan u f'konformità mal-Artikolu 3(2)(ċ) u Skeda III tal-Kapitolu 512 tal-Liġijiet ta' Malta.

Ir-regolament 2: Iżid subregolament (8) ġdid għar-regolament 84, li jimponi obbligu fuq Transport Malta sabiex tiżgura li tiġi applikata strateġija ta' infurzar nazzjonali koerenti fit-territorju ta' Malta, liema strateġija għandha tiffoka fuq impriżi bi grad ta' riskju għoli taħt is-sistema ta' klassifika tar-riskji, imsemmija fl-istess regolament.

5. Konklużjoni

Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ mal-pubblikazzjoni tagħhom fil-Gazzetta.

Għal aktar informazzjoni jew kjarifiki fuq l-implimentazzjoni ta' dawn ir-regolamenti, jekk jogħġbok irreferi l-mistoqsijiet tiegħek lil Transport Malta permezz ta' email fuq l-indirizz elettroniku (info.tm@transport.gov.mt).

N.B. Dawn in-Noti ta' Spjegazzjoni mhumiex maħsuba biex ikunu deskrizzjoni eżawrjenti tal-istrument legali u lanqas sostitut tiegħu jew suppliment leġiżlattiv għall-istess. Dawn in-Noti mhumiex intiżi bħala deċiżjoni awtorevoli fuq l-interpretazzjoni tal-leġiżlazzjoni.

Noti ta' Traspożizzjoni għall-fini tal-paragrafu (vi) tat-Tielet Skeda tal-Kapitolu 512 tal-Liġijiet ta' Malta	
Direttiva 2020/1057	**Regolamenti dwar il-Ġarr Stradali ta' Merkanzija b'Vetturi bil-Mutur(L.S. 65.19)**
Artikolu 6	Iż-żieda ta' subregolament ġdid (8) fir-regolament 84

Il-21 ta' Lulju, 2023

No. 1017

MINISTRY FOR TRANSPORT, INFRASTRUCTURE AND CAPITAL PROJECTS

Explanatory Notes[1]

Motor Vehicles (Carriage of Goods by Road) (Amendment) Regulations, 2023

By means of the Motor Vehicles (Carriage of Goods by Road) (Amendment) Regulations, 2023 (hereinafter referred to as "the regulations"), the Authority for Transport in Malta (hereinafter referred to as "Transport Malta") has partially transposed Directive (EU) 2020/1057 of the European Parliament and of the Council of 15 July 2020 laying down specific rules with respect to Directive 96/71/EC and Directive 2014/67/EU for posting drivers in the road transport sector and amending Directive 2006/22/EC as regards enforcement requirements and Regulation (EU) No 1024/2012 (hereinafter referred to as "the amending Directive"), into national legislation. These regulations transpose Article 6 of the amending Directive, given that Directive 2006/22/EC was amended, and this needed to be mirrored in national legislation.

2. Summary and background

The regulations introduced amendments to Part IX – "Inspections" to the Motor Vehicles (Carriage of Goods by Road) Regulations, (S.L. 65.19). The main amendments to these regulations relate to random checks carried out at the roadside,

[1]These Explanatory Notes are for the purpose of and in accordance with Article 3(2)(c) and Schedule III of Chapter 512 of the Laws of Malta.

quayside or at the premises of the relevant undertaking, on the compliance of the international hauliers carrying out international carriage of goods by road, particularly for the purposes of and in accordance with Directive 2006/22/EC and its subsequent amendments, including those implemented by the amending Directive.

These regulations particularly impose an administrative obligation on Malta, through Transport Malta, to enforce a coherent national enforcement strategy which is applicable in the territory of Malta, focusing on undertakings with a high risk rating under the risk rating system.

3. Overview of the structure of the instrument

The Motor Vehicles (Carriage of Goods by Road) (Amendment) Regulations, 2023 is made up of two (2) regulations and consist of the following:

Regulation 1 – Citation and scope.

Regulation 2 - Amends regulation 84 of the principal regulations.

4. Commentary

Regulation 1: Introduces the title of the regulations being the Motor Vehicles (Carriage of Goods by Road) (Amendment) Regulations, 2023. This regulation further explains the scope of the regulations, being the transposition of Article 6 of the amending Directive.

Regulation 2: Adds a new sub-regulation (8) to regulation 84, imposing an obligation on Transport Malta to ensure that a coherent national enforcement strategy is applied in the territory of Malta, which strategy shall focus on undertakings with ahigh risk rating under the risk rating system, referred to in the same regulation.

5. Conclusion

These regulations shall come into force upon their publication in the Gazette.

For more information or clarifications on the implementation of these regulations, please refer your queries to Transport Malta via email on (info.tm@transport.gov.mt).

N.B. These Explanatory Notes are not intended to be an exhaustive description of the instrument nor a substitute thereof or a legislative supplement to it. These Notes do not purport to be an authoritative ruling on the interpretation of the legislation.

Transposition Notes for the purpose of paragraph (vi) of Schedule III of Chapter 512 of the Laws of Malta	
Directive 2020/1057	**Motor Vehicles (Carriage of Goods by Road) Regulations (S.L. 65.19)**
Article 6	The addition of new sub-regulation (8) to regulation 84

21st July, 2023

No. 1018

MINISTERU GĦAT-TRASPORT, L-INFRASTRUTTURA U L-PROĠETTI KAPITALI

Noti ta' Spjegazzjoni[1]

Regolamenti tal-2023 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Servizzi ta' Ġarr ta' Passiġġieri

1. Introduzzjoni

Permezz tar-Regolamenti tal-2023 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Servizzi ta' Ġarr ta' Passiġġieri (hawn aktar 'il quddiem imsejħa "r-regolamenti"), l-Awtorità għat-Trasport f'Malta (hawn aktar 'il quddiem imsejħa "Transport Malta") ittrasponiet parzjalment id-Direttiva (UE) 2020/1057 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2020 li tistabbilixxi regoli speċifiċi rigward id-Direttiva 96/71/KE u d-Direttiva 2014/67/UE għall-istazzjonar tax-xufiera fis-settur tat-trasport bit-triq u li temenda d-Direttiva 2006/22/KE fir-rigward ta' rekwiżiti tal-infurzar u r-Regolament (UE) Nru 1024/2012 (hawn aktar 'il quddiem imsejħa "d-Direttiva emendatorja"), fil-leġiżlazzjoni nazzjonali. Dawn ir-regolamenti jittrasponu l-Artikolu 6 tad-Direttiva emendatorja, fejn id-Direttiva 2006/22/KE ġiet emendata u għalhekk dan kellu jiġi rifless fil-leġiżlazzjoni nazzjonali.

2. Sommarju u sfond

Ir-regolamenti jintoduċu emendi għat-Taqsima XIV tar-Regolamenti dwar is-Servizzi ta' Ġarr ta' Passiġġieri (L.S. 499.56). L-emendi ewlenin għal dawn ir-regolamenti jikkonċernaw spezzjonijiet li jsiru mal-ġenb tat-triq u mal-ġenb tal-moll dwar il-konformità tat-trasportatur li jwettaq servizzi ta' ġarr stradali internazzjonali tal-passiġġieri, partikolarment għall-finijiet ta' u skont id-Direttiva 2006/22/KE u l-emendi sussegwenti tagħha, inklużi dawk implimentati bid-Direttiva emendatorja.

Dawn ir-regolamenti partikolarment jimponu obbligu amministrattiv fuq Malta, bl-assistenza ta' Transport Malta, sabiex tinforza strateġija ta' infurzar nazzjonali koerenti li hija applikabbli fit-territorju ta' Malta, li tiffoka fuq impriżi bi grad ta' riskju għoli taħt is-sistema ta' klassifika tar-riskji.

3. Ħarsa ġenerali lejn l-istruttura tal-istrument

Ir-Regolamenti tal-2023 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Servizzi ta' Ġarr ta' Passiġġier huma magħmula minn żewġ (2) regolamenti u jikkonsistu f'dawn li ġejjin:

Regolament 1 –Titolu u għan.

Regolament 2 – Jemenda r-regolament 102 tar-regolamenti prinċipali.

4. Kummentarju

Ir-regolament 1: Jintroduċi t-titolu tar-regolamenti bħala r-Regolamenti tal-2023 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Servizzi ta' Ġarr ta' Passiġġieri, filwaqt li jirreferi għar-regolamenti prinċipali bħala r-Regolamenti dwar is-Servizzi ta' Ġarr tal-Passiġġieri (L.S. 499.56). Dan ir-regolament ikompli jispjega l-għan tar-regolamenti, li huwa t-traspożizzjoni parzjali tad-Direttiva emendatorja.

[1]Dawn in-Noti ta' Spjegazzjoni saru bl-għan u f'konformità mal-Artikolu 3(2)(ċ) u Skeda III tal-Kapitolu 512 tal-Liġijiet ta' Malta.

Ir-regolament 2: Iżid subregolament (8) ġdid għar-regolament 102, li jimponi obbligu fuq Transport Malta sabiex tiżgura li tiġi applikata strateġija ta' infurzar nazzjonali koerenti fit-territorju ta' Malta, liema strateġija għandha tiffoka fuq impriżi bi grad ta' riskju għoli taħt is-sistema ta' klassifika tar-riskji, imsemmija fl-istess regolament.

5. Konklużjoni

Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ mal-pubblikazzjoni tagħhom fil-Gazzetta.

Għal aktar informazzjoni jew kjarifiki fuq l-implimentazzjoni ta' dawn ir-regolamenti, jekk jogħġbok irreferi l-mistoqsijiet tiegħek lil Transport Malta permezz ta' email fuq l-indirizz elettroniku (info.tm@transport.gov.mt).

N.B. Dawn in-Noti ta' Spjegazzjoni mhumiex maħsuba biex ikunu deskrizzjoni eżawrjenti tal-istrument legali u lanqas sostitut tiegħu jew suppliment leġiżlattiv għall-istess. Dawn in-Noti mhumiex intiżi bħala deċiżjoni awtorevoli fuq l-interpretazzjoni tal-leġiżlazzjoni.

Noti ta' Traspożizzjoni għall-fini tal-paragrafu (vi)tal-Iskeda III tal-Kapitolu 512 tal-Liġijiet ta' Malta	
Direttiva 2020/1057	**Regolamenti dwar is-Servizzi ta' Ġarr ta' Passiġġieri (L.S.499.56)**
Artikolu 6	Iż-żieda ta' subregolament ġdid (8) f'regolament 102

Il-21 ta' Lulju, 2023

No. 1018

MINISTRY FOR TRANSPORT, INFRASTRUCTURE AND CAPITAL PROJECTS

Explanatory Notes[1]

Passenger Transport Services (Amendment) Regulations, 2023

By means of the Passenger Transport Services (Amendment) Regulations, 2023 (hereinafter referred to as "the regulations"), the Authority for Transport in Malta (hereinafter referred to as "Transport Malta") has partially transposed Directive (EU) 2020/1057 of the European Parliament and of the Council of 15 July 2020 laying down specific rules with respect to Directive 96/71/EC and Directive 2014/67/EU for posting drivers in the road transport sector and amending Directive 2006/22/EC as regards enforcement requirements and Regulation (EU) No 1024/2012 (hereinafter referred to as "the amending Directive"), into national legislation. These regulations transpose Article 6 of the amending Directive, whereby Directive 2006/22/EC has been amended and therefore this had to be mirrored in national legislation.

2. Summary and background

The regulations introduce amendments to Part XIV of the Passenger Transport Services Regulations (S.L. 499.56). The main amendments to these regulations relate to checks carried out at the roadside and the quayside on the compliance of the

[1]These Explanatory Notes are for the purpose of and in accordance with Article 3(2)(c) and Schedule III of Chapter 512 of the Laws of Malta.

carrier carrying out international road passenger transport services, particularly for the purposes of and in accordance with Directive 2006/22/EC and its subsequent amendments, including those implemented by the amending Directive.

These regulations particularly impose an administrative obligation on Malta, through Transport Malta, to enforce a coherent national enforcement strategy which is applicable in the territory of Malta, focusing on undertakings with a high risk rating under the risk rating system.

3. Overview of the structure of the instrument

The Passenger Transport Services (Amendment) Regulations, 2023 is made up of two (2) regulations and consist of the following:

Regulation 1 – Citation and scope.

Regulation 2 - Amends regulation 102 of the principal regulations.

4. Commentary

Regulation 1: Introduces the title of the regulations being the Passenger Transport Services (Amendment) Regulations, 2023, whilst referring to the principal regulations as the Passenger Transport Services Regulations (S.L. 499.56). This regulation further explains the scope of the regulations, being the partial transposition of the amending Directive.

Regulation 2: Adds a new sub-regulation (8) to regulation 102, imposing an obligation on Transport Malta to ensure that a coherent national enforcement strategy is applied in the territory of Malta, which strategy shall focus on undertakings with a high risk rating under the risk rating system, referred to in the same regulation.

5. Concluding section

These regulations shall come into force upon their publication in the Gazette.

For more information or clarification on the implementation of these regulations, kindly refer your queries to Transport Malta via email on (info.tm@transport.gov.mt).

N.B. These Explanatory Notes are not intended to be an exhaustive description of the instrument nor a substitute thereof or a legislative supplement to it. These Notes do not purport to be an authoritative ruling on the interpretation of the legislation.

Transposition Notes for the purpose of paragraph (vi) of Schedule III of Chapter 512 of the Laws of Malta	
Directive 2020/1057	**Passenger Transport Services Regulations (S.L. 499.56)**
Article 6	The addition of new sub-regulation (8) in regulation 102

21st July, 2023

No. 1019

MINISTERU GĦAT-TRASPORT, L-INFRASTRUTTURA U L-PROĠETTI KAPITALI

Noti ta' Spjegazzjoni[1]

Regolamenti tal-2023 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Xufiera Stazzjonati f'Malta

1. Introduzzjoni

Permezz tar-Regolamenti tal-2023 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Xufiera Stazzjonati f'Malta (hawn aktar 'il quddiem imsejħa "r-regolamenti"), l-Awtorità għat-Trasport f'Malta (hawn aktar 'il quddiem imsejħa "Transport Malta"), ittrasponiet parzjalment id-Direttiva (UE) 2020/1057 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2020 li tistabbilixxi regoli speċifiċi rigward id-Direttiva 96/71/KE u d-Direttiva 2014/67/ UE għall-istazzjonar tax-xufiera fis-settur tat-trasport bit-triq u li temenda d-Direttiva 2006/22/KE fir-rigward ta' rekwiżiti tal-infurzar u r-Regolament (UE) Nru 1024/2012 (hawn aktar 'il quddiem imsejħa "d-Direttiva emendatorja"), fil-leġiżlazzjoni nazzjonali. Dawn ir-regolamenti jittrasponu l-Artikolu 8 tad-Direttiva emendatorja, fejn ġew stabbiliti regoli speċifiċi għall-industrija tat-trasport fir-rigward tad-Direttiva 96/71/KE u d-Direttiva 2014/67/UE u għalhekk dan kellu jiġi rifless fil-leġiżlazzjoni nazzjonali. Ir-regolamenti jimponu obbligu fuq l-Istati Membri u fuq l-impjegaturi sabiex jipprovdu taħriġ u għarfien adegwat lill-awtoritajiet tal-infurzar u lill-impjegati rispettivament.

2. Sommarju u sfond

L-għan ta' dawn ir-regolamenti huwa li jkompli jsaħħaħ is-settur tat-trasport bit-triq sikur, effiċjenti u soċjalment responsabbli billi min-naħa jiġu żgurati kundizzjonijiet tax-xogħol u protezzjoni soċjali xierqa għax-xufiera, u min-naħa l-oħra, kundizzjonijiet adattati għan-negozju u għall-kompetizzjoni ġusta għall-operaturi tat-trasport bit-triq (hawn aktar 'il quddiem imsejħa "operaturi"). Tali regolamenti speċifiċi għas-settur kienu meħtieġa minħabba li r-rata ta' mobbiltà tal-forza tax-xogħol fis-settur tat-trasport bit-triq hija għolja, sabiex jiżguraw bilanċ bejn il-libertà tal-operaturi li jipprovdu servizzi transkonfinali, il-moviment liberu tal-merkanzija, kundizzjonijiet tax-xogħol adegwati u protezzjoni soċjali għax-xufiera.

Ir-Regolamenti tal-2023 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Xufiera Stazzjonati f'Malta għandhom jimponu żewġ (2) obbligi ewlenin fuq Malta u l-impjegatur mandanti (impjegaturi) li huma dawn li ġejjin:

1. Obbligu fuq l-Awtorità kompetenti f'Malta, li hija d-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impjieg li tipprovdi strateġiji ta' taħriġ u infurzar lill-uffiċjali awtorizzati li jispezzjonaw; u

2. Obbligu fuq l-impjegaturi mandanti sabiex jipprovdu t-taħriġ u l-għarfien adegwati lix-xufiera stazzjonati f'Malta (l-impjegati).

[1]Dawn in-Noti ta' Spjegazzjoni saru bl-għan u f'konformità mal-Artikolu 3(2)(ċ) u Skeda III tal-Kapitolu 512 tal-Liġijiet ta' Malta.

3. Ħarsa ġenerali lejn l-istruttura tal-istrument

Ir-Regolamenti tal-2023 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Xufiera Stazzjonati f'Malta huma magħmulin minn żewġ (2) regolamenti li jikkonsistu f'dawn li ġejjin::

Regolament 1 – Titolu u għan.

Regolament 2 – Iżid regolament ġdid mar-regolamenti prinċipali.

4. Kummentarju

Ir-regolament 1: Jintroduċi t-titolu tar-regolamenti bħala Regolamenti tal-2023 dwar Xufiera Stazzjonati f'Malta u jispjega l-iskop tar-regolamenti, li huwa t-traspożizzjoni parzjali tad-Direttiva emendatorja.

Ir-regolament 2: Iżid żewġ (2) obbligi rigward taħriġ relatat ma' dawn ir-regolamenti, wieħed lill-Istati Membri u wieħed lill-impjegaturi mandanti. Malta, permezz tal-assistenza tal-Awtorità kompetenti, id-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impjieg, għandha tipprovdi strateġiji ta' taħriġ u infurzar lill-uffiċjali awtorizzati li jispezzjonaw. L-impjegaturi mandanti huma obbligati illi jipprovdu it-taħriġ neċċessarju in konnessjoni ma' dawn ir-regolamenti lix-xufiera stazzjonati tagħhom.

5. Konklużjoni

Dawn ir-Regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ mal-pubblikazzjoni tagħhom fil-Gazzetta.

Għal aktar informazzjoni jew kjarifiki fuq l-implimentazzjoni ta' dawn ir-regolamenti, jekk jogħġbok irreferi l-mistoqsijiet tiegħek lil DIER permezz ta' email fuq l-indirizz elettroniku (info.dier@gov.mt) u, jew lil Transport Malta permezz ta' email fuq l-indirizz elettroniku (info.tm@transport.gov.mt).

N.B. Dawn in-Noti ta' Spjegazzjoni mhumiex maħsuba biex ikunu deskrizzjoni eżawrjenti tal-istrument legali u lanqas sostitut tiegħu jew suppliment leġiżlattiv għall-istess. Dawn in-Noti mhumiex intiżi bħala deċiżjoni awtorevoli fuq l-interpretazzjoni tal-leġiżlazzjoni.

Noti ta' Trasposizzjon għall-fini tal-paragrafu (vi) tat-Tielet Skeda tal-Kapitolu 512 tal-Liġijiet ta' Malta	
Direttiva 2020/1057	**Regolamenti Xufiera Stazzjonati f'Malta (L.S. 499.72**
Artikolu 8	Ir-regolament 8A

Il-21 ta' Lulju, 2023

No. 1019

MINISTRY FOR TRANSPORT, INFRASTRUCTURE AND CAPITAL PROJECTS

Explanatory Notes[1]

The Posting of Drivers in Malta (Amendment) Regulations, 2023

By means of the Posting of Drivers in Malta (Amendment) Regulations, 2023 (hereinafter referred to as "the regulations"), the Authority for Transport in Malta (hereinafter referred to as Transport Malta) has partially transposed Directive (EU) 2020/1057 of the European Parliament and of the Council of 15 July 2020 laying down specific rules with respect to Directive 96/71/EC and Directive 2014/67/EU for posting drivers in the road transport sector and amending Directive 2006/22/EC as regards enforcement requirements and Regulation (EU) No 1024/2012 (hereinafter referred to as "the amending Directive"), into national legislation. These regulations transpose Article 8 of the amending Directive, whereby transport industry specific rules were laid down with respect to Directive 96/71/EC and Directive 2014/67/EU and this therefore had to be mirrored in national legislation. The regulations impose an obligation on Member States and employers to provide adequate training and knowledge to enforcement authorities and employees respectively.

2. Summary and background

The purpose of these regulations is to further enhance a safe, efficient and socially responsible road transport sector by ensuring adequate working conditions and social protection for drivers, on the one hand, and suitable conditions for business and for fair competition for road transport operators (hereinafter referred to as "operators"), on the other. Such sector-specific regulations were necessary due to the high degree of mobility of the workforce in the road transport sector, to ensure a balance between the freedom of operators to provide cross-border services, free movement of goods, adequate working conditions and social protection for drivers.

The Posting of Drivers in Malta (Amendment) Regulations, 2023 shall impose two (2) main obligations on Malta and the sending parties (employers) being the following:

1. An obligation on the competent Authority in Malta, being the Department of Industrial and Employment Relations to provide training and enforcement strategies to authorised inspecting officers; and

2. An obligation on employers (sending party) to provide the adequate training and knowledge to the posted drivers in Malta (employees).

[1]These Explanatory Notes are for the purpose of and in accordance with Article 3(2)(c) and Schedule III of Chapter 512 of the Laws of Malta.

3. Overview of the structure of the instrument

The Posting of Drivers in Malta (Amendment) Regulations, 2023 is made up of two (2) regulations and consist of the following:

Regulation 1 – Citation and scope.

Regulation 2 – Adds a new regulation to the principal regulations.

4. Commentary

Regulation 1: Introduces the title of the regulations being the Posting of Drivers in Malta (Amendment) Regulations, 2023 and explains the scope of the regulations, being the partial transposition of the amending Directive.

Regulation 2: Adds two (2) obligations regarding training related to these regulations, one to Member States and one to the sending parties. Malta, through the assistance of the competent Authority, the Department of Industrial Relations and Employment, shall be obliged to provide training and enforcement strategies to the officials authorised to inspect. The sending parties are obliged to provide the necessary training in connection with these regulations to their posted drivers.

5. Concluding section

These regulations shall come into force upon their publication in the Gazette.

For more information or clarification on the implementation of these regulations, kindly refer your queries to DIER via email on (info.dier@gov.mt) and, or to Transport Malta via email on (info.tm@transport.gov.mt).

N.B. These Explanatory Notes are not intended to be an exhaustive description of the instrument nor a substitute thereof or a legislative supplement to it. These Notes do not purport to be an authoritative ruling on the interpretation of the legislation.

Transposition Notes for the purpose of paragraph (vi) of Schedule III of Chapter 512 of the Laws of Malta	
Directive 2020/1057	**Posting of Drivers in Malta Regulations (S.L. 499.72**
Article 8	Regulation 8A

21st July, 2023

Nru. 1020

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN F'BIRKIRKARA

BIS-SAĦĦA tal-poteri mogħtija bl-artikolu 115 tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija (Kap. 10), il-Prim Ministru għoġbu jordna illi n-numri/ismijiet ta' bibien fit-triq imsemmija f'Birkirkara, hawn taħt elenkati u speċifikati f'din l-iskeda, għandhom jinbidlu kif jidher fl-iskeda msemmija.

No. 1020

NUMBERING OF DOORS AT BIRKIRKARA

IN exercise of the powers conferred by section 115 of the Code of Police Laws (Cap. 10), the Prime Minister has been pleased to order that the numbers/names of the doors in the undermentioned street at Birkirkara, specified in the subjoined schedule, be altered as stated in the said schedule.

SKEDA/*SCHEDULE*

BIRKIRKARA

TRIQ IL-KAV. GIOVANNI ALENTORN

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Sqaq l-Għargħar

Left side entering from Sqaq l-Għargħar

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru Ġdid *New Number*
Radica	1
Garaxx	3
Garaxx	5
Garaxx	7
Garaxx	9
Garaxx	11
Teresa House	13
Dar Bonnici	15
Garaxx	17
Garaxx	19
Garaxx	21
Marjo House	23
Garaxx	25
Bieb bla numru	27

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Sqaq l-Għargħar

Right side entering from Sqaq l-Għargħar

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru Ġdid *New Number*
Garaxx	2
Dar ir-Redentur	4
Garaxx	6
Bonnici Garage	8
Jasmine	10
Garaxx	12
Mirage	14
Charelle	16
Joemar (Garaxx)	18
Daħla għall-garaxxijiet	20
Luna	22
Warda	24
Linnet	26
Solitaire	28
Madonna ta' Pinu	30
Garaxx	32
Garaxx	34
Marina House	36

Il-21 ta' Lulju, 2023

21st July, 2023

Nru. 1021

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN F'MADLIENA, IS-SWIEQI

